

Brussell, 1 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

9641/16

EDUC 218
JEUN 42
AUDIO 73
SOC 364

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	30 ta' Mejju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	9068/16 EDUC 147 JEUN 37 AUDIO 63 SOC 265 L-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (30 ta' Mejju 2016)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif adottati mill-Kunsill fit-3471 laqgħa tiegħu fit-30 u l-31 ta' Mejju 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

dwar

l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jiddikjara li l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;

B'KONT MEĦUD TA'

- Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, adottata fis-17 ta' Marzu 2015¹, li tenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċità tat-tfal u ż-żgħażaġh li jaħsbu b'mod kritiku u jiġġudikaw sabiex, partikolarment fil-kuntest tal-Internet u l-media soċjali, ikunu kapaċi jagħrfu r-realtajiet, jiddistingwu fatt minn opinjoni, jagħrfu l-propaganda u jieqfu għal kull tip ta' indottrinazzjoni u diskors ta' mibegħda;

¹ Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, Pariġi, 17 ta' Marzu 2015.

- Ir-Rapport Konġunt ET2020 tal-15 ta' Diċembru 2015², li jindika s-segwitu għad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi bħala prijorità ewlenija fiċ-ċiklu ta' ħidma l-ġdid (2015-2020) permezz ta' *analiżi konġunta, tagħlim bejn il-pari, laqgħat, tixrid ta' Prattiki tajbin u miżuri konkreti bbażati fuq finanzjament*;
- Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill tal-24 ta' Frar 2016 dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni³, li fiha l-impenn biex *jissaħħu l-litteriżmu diġitali u tal-media taż-żgħażaġħ kif ukoll l-abbiltà tagħhom li jaħsbu b'mod kritiku, flimkien mal-ħiliet soċjali u l-kompetenzi ta' ċittadinanza tagħhom*;

U FID-DAWL TA'

- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja⁴, li tidentifika bħala kompetenzi ewlenin li ċ-ċittadini kollha għandhom jiksbu: '*kompetenza diġitali*', li tirrikjedi *attitudni kritika u ta' riflessjoni lejn it-tagħrif disponibbli u użu responsabbli tal-media interattiva*; '*kompetenzi soċjali u ċiviċi*' li jinkludu il-kapaċità *li wieħed jifhem fehmiet differenti u r-rieda li jirrispetta il-valuri tal-oħrajn*; u '*għarfien u espressjoni kulturali*' li jinkludu *sens ta' identità bħala l-bażi għal attitudni miftuħa lejn id-diversità u r-rispett għaliha*;

² ĠU C 417, 15.12.2015, p. 25-35.

³ ĠU C 105, 19.3.2016, p. 1-4.

⁴ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10-18.

- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2012 dwar strateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal⁵, li jissottolinjaw li s-settur tal-edukazzjoni kif ukoll il-ġenituri għandhom rwol importanti xi jwettqu biex jgħinu lit-tfal jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-Internet b'mod kreattiv u ta' benefiċċju, kif ukoll li jidentifikaw u jittrattaw ir-riskji li jiltaqgħu magħhom fuq l-Internet u li l-għalliema u l-ġenituri nfushom jeħtieġu l-appoġġ u t-taħriġ mhux biss biex ilaħħqu mal-bidliet rapidi u imprevedibbli fil-ħajja virtwali tat-tfal, iżda wkoll mat-teknoloġiji l-ġodda li qed jevolvu l-ħin kollu;
- Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Jannar 2014 dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti⁶, li tenfasizza partikolarment il-kooperazzjoni iktar mill-qrib mas-soċjetà ċivili u s-settur privat biex jiġu indirizzati l-isfidi ffaċċjati onlajn u jsir aktar biex iż-żgħażaġh jiġu mħeġġa jaħsbu b'mod kritiku dwar il-messaġġi estremisti fost l-azzjonijiet ewlenin li għandhom jittieħdu għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2014 dwar il-Politika Awdjoviżiva Ewropea fl-Era Diġitali⁷, li jistiednu lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu prattiki tajba u riċerka dwar l-inklużjoni tal-litteriżmu medjatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ formali, kif ukoll f'taġħlim mhux formali u informali;

⁵ ĠU C 393, 19.12.2012, p. 11-14.

⁶ Dok. 5451/14.

⁷ ĠU C 433, 3.12.2014, p. 2-5.

- Il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar ir-rwol tas-settur taż-żgħażaġh f'approċċ integrat u transsettorjali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti taż-żgħażaġh, li jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġaw liż-żgħażaġh fil-*ġlieda kontra l-influwenzi estremisti fuq l-internet u l-media soċjali* fl-iżvilupp ta' *ħsieb kritiku u l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi rilevanti biex jifhmu s-sorsi u l-aġendi differenti wara l-informazzjoni li tingħata, inklużi l-propaganda u d-diskors ta' mibegħda*⁸;

JIKKUNSIDRA LI

L-internet - u l-media soċjali b'mod partikolari - joffru opportunitajiet mingħajr preċedent u kważi bla limitu f'termini ta' kondiviżjoni ta' għarfien u ta' ideat. Bl-ġhoti ta' aċċess immedjat għal ammonti vasti ta' informazzjoni, kif ukoll aċċess għal firxa wiesgħa ta' sorsi, huma jistgħu jkollhom impatt sinifikanti fuq l-opinjoni, l-attitudnijiet u l-perċezzjonijiet. Joffru wkoll lil kulħadd pjattaforma biex joħolqu, jikkondividu u jipubblikaw kontenut huma stess, u b'hekk jgħinu biex jiġi żviluppat it-talent, titrawwem il-kreattività u tiġi promossa l-innovazzjoni.

Id-dinja tal-lum hija kkaratterizzata minn aċċess faċli u kontinwu għall-internet, fejn in-nies, speċjalment iż-żgħażaġh, qed iqattgħu dejjem aktar ħin fuq l-internet.⁹ L-importanza tal-komunitajiet virtwali u l-kuntatti - b'mod partikolari permezz tal-media soċjali u s-servizzi ta' Instant Messaging - qiegħda tikber.

⁸ Dok. 9640/16.

⁹ Aktar minn nofs l-Ewropej jużaw in-netwerks soċjali; il-biċċa l-kbira tal-utenti huma żgħażaġh. 84% tal-Ewropej taħt it-30 sena jużaw il-media soċjali u għal dawk iżgħar, din il-perċentwali toqrob il-100%.

Il-litteriżmu fil-media - jiġifieri, il-kapaċitajiet tekniċi, konjittivi, soċjali, ċiviċi u kreattivi kollha li jippermettulna aċċess għal u li jkollna fehim kritiku tal-forom kemm tradizzjonali kif ukoll dawk ġodda ta' media¹⁰ u li ninteraġixxu magħhom - huwa ta' importanza dejjem akbar. Dan għandu rabta mill-qrib mal-impenn attiv fil-ħajja demokratika, iċ-ċittadinanza u l-kapaċità li wieħed jiġġudika b'mod kritiku u indipendenti kif ukoll li jirrifletti fuq azzjonitu, u b'hekk ikun jista' jtejjeb ir-reżiljenza taż-żgħażaġh għall-messaġġi estremisti u diżinformazzjoni.

Il-kompetenza diġitali, li tinkludi l-użu kunfidenti, kreattiv u kritiku tal-ICT, hija komponent kruċjali tal-litteriżmu fil-media. Livell baxx ta' kompetenza diġitali jista' jħalli persuna fi żvantaġġ, mhux biss fis-suq tax-xogħol fejn kważi l-impjieg kollha jeħtieġ xi livell ta' kompetenza diġitali, iżda wkoll fis-soċjetà iġenerali. Bħala tali, hemm rabta ċara bejn it-tisħiħ tal-kompetenza diġitali u l-isforzi biex jinħolqu soċjetajiet aktar inklużivi u koeżivi.

Il-litteriżmu fil-media - marbut mal-litteriżmu u hili ta' komunikazzjoni iġenerali - jinvolvi wkoll kompetenzi ewlenin oħrajn, b'mod partikolari *l-kompetenzi soċjali u ċiviċi* li għandhom rabta ċara mal-ħsieb kritiku, jiżguraw li n-nies jgħożżu d-diversità u jirrispettaw il-fehmiet u l-valuri tal-oħrajn, iżda wkoll *l-ġharfien u l-espressjoni kulturali* li huma mirfuda mill-kapaċità li wieħed jirrelata l-mod li bih jesprimi l-fehmiet tiegħu ma' dak tal-oħrajn, inklużi dawk bi sfondi kulturali differenti.

¹⁰ Dawn il-kapaċitajiet jippermettulna neżerċitaw il-ħsieb kritiku, waqt li nipparteċipaw fl-aspetti ekonomiċi, soċjali u kulturali tas-soċjetà u jkollna rwol attiv fil-proċess demokratiku. Il-kunċett ikopri media differenti: ix-xandir, filmati, ir-radju, l-istampa, permezz ta' mezzi differenti: tradizzjonali, l-internet, il-media soċjali u taqdi l-bżonnijiet tal-etajiet kollha.

Filwaqt li l-kompetenza diġitali qed issir dejjem aktar indispensabbli, għadd allarmanti ta' nies għandhom neqsin minn livell bażiku ta' kompetenza diġitali¹¹, li jpoġġihom f'riskju ta' qgħad u ta' esklużjoni soċjali. Dan jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' "distakk diġitali", li jista' jwassal għal inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi u li joħloq sfida ċara għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna.

Minbarra l-benefiċċji u l-opportunitajiet li jistgħu jgħibu magħhom, l-internet u l-media soċjali huma wkoll ta' theddida u periklu potenzjali, b'mod partikolari billi jagħmlu disponibbli kontenut fuq l-internet li ma jkunx adatt jew saħansitra ta' ħsara għat-tfal u ż-żgħażaġħ, inkluż diskors ta' mibegħda u kontenut li jimminimizza l-gravità tal-vjolenza. Fenomeni mhux mixtieqa oħra jinkludu l-grooming fuq l-internet u l-bullying fuq l-internet, li jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-benesseri u l-iżvilupp tat-tfal, kif ukoll ikollhom impatt negattiv fuq il-prestazzjoni edukattiva tagħhom.

L-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa u inċidenti oħra ta' estremiżmu vjolenti qajmu tħassib partikolari dwar il-possibbiltajiet uniċi li l-internet u l-media soċjali jipprovdu għal gruppi estremisti ta' kull tip biex ixerrdu l-mibegħda u l-messaġġi li jinċitaw il-vjolenza b'mod liberu u biex iqanqlu interess fost iż-żgħażaġħ diżinteressati. Ir-radikalizzazzjoni tat-tip li twassal għall-vjolenza sikwit ikollha dimensjoni transnazzjonali, fejn in-netwerks ta' estremisti jikkomunikaw maż-żgħażaġħ vulnerabbli, irrISPettivament mill-fruntieri. Filwaqt li mhuwiex probabbli li ż-żieda fil-kisbiet edukattivi twaqqaf il-forom kollha ta' estremiżmu vjolenti, l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu u għandhom jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni.

¹¹ FI-UE, 40% taċ-ċittadini m'għandhomx hiliyet diġitali jew għandhom livell baxx, filwaqt li huwa stmat li 90% tal-impjegi jeħtieġu tal-inqas livell ta' hiliyet diġitali fl-UE. B'hekk, l-akkwist ta' dawk il-hiliyet qed rapidament isir prekondizzjoni biex il-ħaddiema jsiru u jibqgħu impjegabbli.

Bħala parti mill-missjoni ġenerali tagħhom biex iħejju liż-żgħażaġh għas-soċjetà u s-suq tax-xogħol, kif ukoll biex jagħtuhom appoġġ biex jiksbu sodisfazzjon personali, l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom rwol importanti biex jgħinu liż-żgħażaġh isiru litterati fil-media u ċittadini responsabbli tal-ġejjieni.

Element ewlieni tal-missjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ hu li jitnisslu fiż-żgħażaġh valuri fundamentali bħal dawk li jinsabu fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u biex huma jiżviluppaw u jżommu mentalità miftuħa u inkwizittiva, filwaqt li jkunu kapaċi jaħsbu b'mod indipendenti u kritiku, ikollhom ġudizzju sod billi jużaw għarfien ibbażat fuq il-fatti u jirreżistu u jikkumbattu l-messaġġi estremisti, l-indottrinazzjoni u d-diżinformazzjoni.

Biex jibqgħu rilevanti, huwa kruċjali li l-persunal tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha jlaħħaq ma' dawn l-iżviluppi rapidi u jagħti l-kompetenzi lil min qed jitgħallem - l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet - u l-valuri meħtieġa għall-aċċess, l-interpretazzjoni, il-produzzjoni u l-użu tal-informazzjoni u kontenut ieħor tal-media, b'mod partikolari fil-kuntest tal-internet u l-media soċjali, b'mod sigur u responsabbli.

Approċċi komprensivi tal-"iskola kollha" li jinvolvu l-komunità kollha tal-iskola kif ukoll partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn jistgħu jkunu ta' importanza kbira, minħabba li sikwit wieħed jitgħallem juża l-internet u l-midja soċjali b'mod responsabbli barra mill-klassi f'ambjenti mhux formali u informali.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, B'KONSIDERAZZJONI DEBITA GĦAS-SUSSIDJARJETÀ, BIEX

1. Jinkoraġġixxu li tingħata attenzjoni suffiċjenti għall-iżvilupp tal-litteriżmu tal-media u l-ħsieb kritiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha, inkluż permezz tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza u l-media.
2. Jaraw li jiżdiedu l-livelli ta' kompetenza diġitali fost il-persuni ta' kull età li qed jitgħallmu, f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja, bħala prekundizzjoni importanti għat-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw b'mod attiv fil-ħajja demokratika tas-soċjetajiet moderni tagħna kif ukoll għat-titjib tal-impjegabbiltà tagħhom.
3. Jikkunsidraw li jużaw, flimkien mal-oqfsa u l-għodod nazzjonali, il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini, il-Qafas ta' Kompetenzi għal Kultura Demokratika tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Qafas ta' Valutazzjoni tal-Litteriżmu tal-Media u l-Infommazzjoni Globali tal-UNESCO.
4. Jinkoraġġixxu ambjenti ta' tagħlim soċjalment siguri, kemm online kif ukoll offline, fejn jistgħu jiġu diskussi kwistjonijiet kontroversjali b'mod miftuħ u tiġi mħarsa l-libertà tal-espressjoni, u jagħtu s-setgħa lill-għalliema biex jibdwu u jimmoderaw tali diskussjonijiet.
5. Jappoġġaw lill-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-iżvilupp, permezz ta' taħriġ inizjali u żvilupp professjonali kontinwu, tal-kompetenza diġitali tagħhom stess kif ukoll tal-ħiliet pedagoġiċi meħtieġa fl-użu tat-teknoloġiji ġodda u ta' riżorsi edukattivi miftuħa fit-tagħlim tagħhom, u biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku b'mod effettiv ma' persuni ta' kull età u sfond li lesti jitgħallmu.

6. Jimpjenjaw ruħhom mal-ġenituri u partijiet ikkonċernati oħrajn fis-soċjetà inġenerali, bil-ħsieb li jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-ġenerazzjonijiet u li titrawwem kultura kondiviża ta' dialogu u fehim reċiproku.
7. Isaħħu d-dialogu, il-kooperazzjoni u s-šhubiji bejn is-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ u s-settur tal-media - inklużi l-ġurnalisti - kif ukoll il-partijiet ikkonċernati l-oħrajn kollha, inklużi s-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, peress li l-iżvilupp effettiv tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku jitlob approċċ multidixxiplinari u jfakkru fir-rwol importanti li jista' jkollu t-tagħlim mhux formali u informali f'dan ir-rigward.
8. Jinkoraġġixxu modi innovattivi, kreattivi u parteċipattivi ta' żvilupp tal-litteriżmu fil-media u tal-ħsieb kritiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ, pereżempju billi ssir riċerka u billi jiġi esplorat il-potenzjal li l-kultura u l-arti, l-approċċi interkulturali u l-produzzjoni tal-media fl-iskejjel jistgħu joffru, bħala mezz ta' tisħiħ tal-ftuħ lejn kulturi oħrajn u ċittadinanza attiva.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FIL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGħHOM, BIEX

1. Fil-kuntest tal-qafas strateġiku ET2020, ikomplu jippromwovu t-tagħlim bejn il-pari, inkluż permezz tal-ġbir u l-tixrid ta' prassi tajba fil-qasam tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku, u joqogħdu attenti b'mod speċjali biex jikkomunikaw b'mod effettiv ma' persuni li qed jitgħallmu li huma żvantaġġati u daww fir-riskju li jiġu emarġinati.
2. Jiżguraw koerenza politika fil-livell tal-UE fil-qasam tal-litteriżmu fil-media, biex il-ħidma esperta li qed issir fid-diversi oqsma rilevanti ta' politika, bħall-edukazzjoni, il-politika taż-żgħażaġh, il-kultura u dik awdjoviżiva, kif ukoll fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, tkun komplementari, waqt li jittieħed kont tal-ispeċifitàjiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

3. Jappoġġaw l-isforzi biex l-ġhalliema jingħataw il-ħiliet u l-ġhodod meħtieġa biex jittrattaw il-kwistjonijiet tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku b'mod effettiv ma' persuni ta' kull età u sfond li qed jitgħallmu, *fost l-oħrajn* billi jintuża l-Portal tal-Edukazzjoni Skolastika (School Education Gateway) u permezz tal-promozzjoni tat-tagħlim bejn il-pari permezz tal-pjattaforma ta' Ġemellaġġ elettroniku.
4. Ikomplu jikkooperaw ma', u jieħdu kont tal-ħidma li saret minn, fora multilaterali oħrajn, bħall-Kunsill tal-Ewropa¹², l-UNESCO u l-OECD, peress li l-isfidi jaqsmu l-fruntieri u jaffettwaw pajjiżi kemm fl-Unjoni Ewropa kif ukoll barra minnha.
5. Jinkoraġġixxu l-użu tal-opportunitajiet ta' finanzjament offruti mill-fondi u l-programmi rilevanti kollha tal-UE - partikolarment Erasmus+, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Orizzont 2020, Ewropa Kreattiva u L-Ewropa għaċ-Ċittadini - biex jiġu appoġġati dawn l-isforzi.

¹² B'mod partikolari fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal 2016-2021, kif adottata fit-2 ta' Marzu 2016 mill-Kumitat tal-Ministri, li tindirizza l-kwistjoni tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-ambjent diġitali.